# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Illum, it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2015**

**Rikors numru 294/15**

**Annunziata Farrugia, Joseph Gauci, Carmelo Gauci li qed jidher kemm f'ismu kif ukoll f'isem Joseph Gauci li huwa emigrat l-Awstralja, u dan bis-sahha ta' prokura, Veronica Gauci bhala uzufruttwarja tal-mejjet Nazzareno u Meleny Gauci bhala l-werrieta u Michael Gauci bhala l-werrieta u Michael Gauci li huwa l-werrieta tal-mejjet Michael Gauci**

**v.**

**Crocifisso Gauci u martu Mary Gauci**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment moghti minn din il-Qorti fuq zewg rikorsi prezentati mill-intimati, wiehed fil-11 ta' Settembru 2015 u l-iehor fit-28 ta' Settembru 2015 li permezz taghhom l-intimati qed jitolbu s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet premessi deciza minn din il-Qorti

fis-26 ta' Gunju 2015 li ikkonfermat sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Lulju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti ordnat l-izgumbrament tal-intimati mill-fond numru 3 maghruf ukoll "Ginger Farmhouse" Tal-Balal Road, San Gwann.

Bhala raguni ghat-talbiet taghhom l-intimati fl-ewwel rikors jghidu li huma komproprjetarji tal-imsemmi fond fis-sehem ta' wiehed minn tletin [$^{1}/_{30}$] filwaqt li r-rikorrenti huma l-komproprjetarji l-ohra u ghandhom sehem ta' hamsa u ghoxrin minn tletin [$^{25}/_{30}$]. Jghidu wkoll li l-intimat Crocefisso Gauci "minn dejjem u anke prezentament jirrisjedi gewwa r-razzett u ilu jaghmel hekk flimkien ma' ommu u huh [illum mejjet] ghal zmien twil". L-intimati jilmentaw li: "Dan il-fatt juri illi l-esekuzzjoni tas-sentenza tkun tikkaguna pregudizzju akbar lill-[intimati] hawn ritrattandi milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni se jikkaguna lill-parti kuntrarja u cioe` l-atturi".

Fit-tieni rikors maghmul mill-intimati, tfaccaw bhala raguni addizzjonali ghat-talba tas-sospensjoni, "sebghin naghga, ziemel, ghadd ta' tigieg u annimali diversi ohra" li qeghdin allegatament jinzammu mill-intimati fil-fond de quo u li "m'ghandhomx fejn johduhom".

In bazi ghall-premess l-intimati qed jitolbu s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza fuq citata.

Minn naha taghhom ir-rikorrenti, b'risposta ghaz-zewg rikorsi, jghidu li hija assolutament inveritiera l-allegazzjoni tal-intimati li dawn ilhom jghixu fir-razzett ghal zmien twil. Di fatti din l-allegazzjoni giet meqjusa bhala inveritiera kemm mill-Ewwel Qorti kif ukoll minn din il-Qorti. Ir-rikorrenti jishqu li l-intimati ma huma ser isofru ebda danni ghax, filwaqt li ommhom tghix go fond ma' binha, iz-zewg intimati jghixu go flat gewwa San Gwann li ghadu kif gie mibni u tlesta ricentement.

Rigward it-tieni rikors ir-rikorrenti jissenjalaw li ilhom zmien twil jissaportu bil-pacenzja s-sentenzi tal-Qorti li eventwalment ordnat l-izgumbrament tal-intimati bir-rizultat li l-intimat ilu dan iz-zmien kollu juza l-fond "a skapitu tas-sidien l-ohra [ir-rikorrenti]" u li l-proceduri ta' ritrattazzjoni huma biss intizi sabiex l-intimati jkomplu jtawwlu l-proceduri odjerni bi pregudizzju ghall-kompropretarji l-ohra.

Ir-rikorrenti jikkontestaw l-allegazzjoni tal-intimati dwar in-numru kbir ta' annimali li qed jinzammu fil-fond de quo. Huma jaghmlu referenza ghax-xhieda fil-kawza numru 822/2008 tar-rapprezentant tas-servizzi veterinarji li xehed li l-intimat ma ghandu ebda permess biex izomm annimali u ghalhekk jekk huwa verament qed izomm l-annimali fil-fond huwa qed jaghmel dan illegalment. Di fatti mir-ritratti ezebiti fil-kawza jirrizulta biss li fil-fond kien hemm hames naghgiet biss.

Din il-Qorti wara li semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet dwar it-talba kontenuta fir-rikorsi hija tal-fehma li, tenut kont tas-sitwazzjoni kif kienet meta nqatghu l-kawzi mill-Ewwel Qorti u mbaghad minn din il-Qorti u tenut kont ta' kif allegatament zvolgew l-affarijiet sussegwentement, hija tal-fehema li l-intimati ma rnexxielhomx jissodisfaw il-vot tal-Artikolu 823[2][d] fis-sens li bl-esekuzzjoni tas-sentenza ser isofru pregudizzju aktar minn dak li jsofru r-rikorrenti li kieku t-talba taghhom kellha tintlaqa'.

Ghaldaqstant tiddeciedi dwar iz-zewg rikorsi billi tichad it-talbiet.

Spejjez ta' dan l-episodju jkun a kariku tal-intimati.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb